Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 17/2016

**Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) bhala agenti u in rapprezentanza tal-kumpannija estera AIG Europe Limited**

**Vs**

**Marija Carmela Zahra u Justin Zahra**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Jannar 2005 f'tas-Sliema, li fih kienet involuta l-vettura PAM 123 proprjeta tal-appellanti u misjuqa minn binha Justin Zahra. Irrizulta li l-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fir-rigward tal-vettura PAM 123, ma kinitx tkopri lix-xufier Justin Zahra (ara deposizzjoni ta' David Debono). L-istess xhud spjega,

   *"Ahna meta hallasna lil Bonnici ma konniex gejna moghtija xi sentenza. Ahna rajna l-kaz u deherilna illi l-klijent kellu tort u hallasna biex ma nzidux l-ispejjez inutilment".*

2. Fit-3 ta' April, 2013 bdew proceduri ta' arbitragg mandatorju. Il-konvenut baqa' kontumaci filwaqt li l-konvenuta wiegbet li:

   i. Ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma kellhiex x'taqsam mal-incident in kwistjoni u ma kinitx awtorizzat lill-konvenut Justin Zahra sabiex isuq il-vettura. Ghalhekk ma tahtix ghall-incident.
   ii. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.
   iii. L-ammont mitlub hu ezagerat.

3. It-Tribunal tal-Arbitragg f'decizjoni tal-1 ta' Gunju, 2016 iddecieda li:

   *"Illi l-arbitru huwa tal-umli fehma illi s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha, u huwa tal-opinjoni wkoll illi l-quantum tad-danni reklamati gie sodisfacentement ippruvat u ghalhekk huwa wiehed gustifikat.*

   *Illi ghal dak illi jirrigwarda l-intimat Justin Zahra, l-arbitru jhoss illi gialadarba ma kienx parti fil-ftehim, jew polza ta' assikurazzjoni illi kienet inharget mis-socjeta rikorrenti, l-arbitru jhoss illi t-talba rikorrenti fil-konfront tal-istess Justin Zahra mhix gustifikata.*

*L-arbitru ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija jiddikjara illi Marija Carmela Zahra naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet impost fuqha ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta rikorrenti, u b'rizultat ta' hekk jikkonkludi illi l-istess Marija Carmela Zahra hija responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat ta' dan in-nuqqas.*

*Konsegwentement jillikwdia d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' 2,980.77, u jikkundanna lil Marija Carmela Zahra sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet relattivi mill-24 ta' Dicembru 2008.*

*L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-intimata Marija Carmela Zahra".*

4. Il-konvenuta appellat mid-decizjoni, u lmentat li l-oneru tal-prova kien fuq l-attrici li hija kienet ippermettiet lil binha jsuq il-vettura taghha (PAM 123).

5. L-attrici wiegbet li:

    i. L-aggravju hu marbut ma' apprezzament ta' provi u f'dan ir-rigward jinsab diversi drabi deciz mill-Qrati ta' Malta li l-qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax b'mod legger tali apprezzament.
    ii. L-appellanti naqset milli tinnotifika l-appell lill-persuni li jissemmew fl-artikolu 70 tal-Att dwar l-Arbitragg. Ghalhekk l-appell hu null ai termini tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. Il-qorti tibda biex tosserva li mhijiex tal-fehma li n-nuqqas ta' notifika tar-rikors tal-appell lill-Arbitru u lic-Centru tal-Arbitragg, iwassal ghan-nullita tal-appell. Dan mhuwiex nuqqas fl-att li bih l-appellanti pproponiet l-appell. Materja ta' notifika m'ghandhiex x'taqsam mal-artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12. F'kull kaz tali nuqqas seta' facilment jissewwa kieku l-appellata talbet, apparti li jidher li ma wassal ghal ebda pregudizzju.

8. Ix-xufier tal-vettura l-ohra, R Adhakrishnan Dhandapni ma xehedex. Pero' fir-rapport tal-pulizija hemm registrat li qal:

    *"Jiena kont ipparkjat u l-vettura l-ohra baqa diehel go fija fuq wara".*

9. Il-konvenut l-iehor, Justin Zahra, ma ddefendiex ruhu u lanqas ma xehed. Fir-*road accident report* hemm registrat li qal:

*"Jiena kont ghaddej normali fuq il-lane ta' lemin kien hemm karozza quddiemi u kif gejna biex induru jien bdejt naqleb fuq il-lane tax-xellug u l-vettura l-ohra beda jissikani, zammejt il-brake u bqajt diehel gol-vettura li kienet ipparkjata"*.

10. Hu ghalhekk car li fil-hin tal-incident il-vettura VVV 777 kienet ipparkjata. Ghalhekk l-oneru tal-prova kien fuq Justin Zahra, cjoe' li jaghti prova li l-incident ma sehhx tort tieghu. Mhuwiex bizzejjed li xufier jallega li l-htija tal-incident hi ta' terz injot. Fis-sentenza **Dr Remigio Zammit Pace nomine vs Reginald Fava et** tal-25 ta' Marzu, 2004 il-Prim'Awla qalet:

    *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Fenech vs Gauci deciza fil-21 ta' Frar, 1994, 'Il-konvenut ma jista jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontdenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza". (Ara wkoll Borg vs Grima, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999)"*.

11. Il-qorti ma tistax tifhem kif it-Tribunal tal-Arbitragg cahad it-talba in kwantu diretta kontra Justin Zahra, li wara kollox kien il-persuna li kien responsabbli ghall-incident. Dan irrispettivament kienx parti mill-kuntratt ta' assikurazzjoni, li jidher li kienet ir-raguni li wasslet lit-Tribunal biex jichad it-talba fil-konfront tal-konvenuta. Jidher li t-Tribunal ma qiesx dak li jipprovdi l-artikolu 12(4) tal-Kap. 104. Dan apparti li fl-avviz tal-arbitragg, l-attrici ddikjarat li ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Jannar 2005, *"... respondent Justin Zahra was exclusively responsible…."* Hu ghalhekk evidenti li l-azzjoni ma kinitx bazata biss fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien hemm bejn l-attrici u l-appellanti. Madankollu is-socjeta attrici u Marija Carmela Zahra m'appellawx minn dik il-parti tad-decizjoni li cahdet it-talba tal-attrici fil-konfront tal-konvenut Justin Zahra. Ghaldaqstant, dik il-parti tad-decizjoni hi gudikat.

12. L-appell li pproponiet dik il-konvenuta fil-15 ta' Gunju, 2016 hu limitat fuq it-tezi li s-socjeta attrici ma tatx prova li l-konvenuta kienet ippermettiet lil binha li jsuq il-vettura meta l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkoprih. Kompliet tghid:

    *"Illi filwaqt li l-appellanti tikkoncedi illi Justin Zahra saq din il-vettura u tikkoncedi ukoll li hu ma kienx kopert mill-polza tal-assigurazzjoni, l-appellanti tissottometti umilment li dan il-fatt wahdu mhuwiex ksur tal-istess polza peress li l-polza tghid kjarament illi sabiex ikun hemm ksur l-appellanti kellha tippermetti lil persuna mhux koperat ssuq il-vettura.*

    *Illi kien jinkombi fuq is-socjeta appellata li tipprezenta l-provi mehtiega sabiex jissodisfaw lill-Arbitru illi l-appellanti kienet fil-fatt ippermettiet lil binha jsuq il-*

*vettura u li b'hekk kisret il-kundizzjonijiet tal-polza. Izda mill-provi prodotti jirrizulta biss li Justin Zahra saq il-vettura de quo; pero ma jirrizultax ukoll li huwa saq il-vettura ghax inghata permess jaghmel dan minn ommu, ossia l-appellanti li kienet koperta mill-polza ta' assigurazzjoni".*

13. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Kopja tal-polza ta' assikurazzjoni ma gietx prezentata;

   ii. Mhuwiex kontestat li dakinhar tal-incident, il-vettura tal-appellanti kienet qeghda tinstaq minn persuna li ma kellux licenzja tas-sewqan.

   iii. Minn dak li nghad hawn fuq, hu evidenti li l-htija ghall-incident kienet ta' Justin Zahra.

   iv. Skont ma xehed David Debono, Claims Manager tas-socjeta konvenuta, il-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri xufier iktar minn 25 sena. Ovvjament bil-ligi s-socjeta attrici kienet responsabbli li taghmel tajjeb ghall-hsara li saret lill-vettura l-ohra, gialadarba rrizulta li l-incident sehh tort ta' Justin Zahra.

   v. Fir-*road accident report* jinghad li d-data tat-twelid tax-xufier Zahra hi 15 ta' April, 1987. L-incident sehh fl-10 ta' Jannar, 2005. Dan ifisser li Zahra kien qieghed isuq il-vettura meta kien ghadu taht l-eta. Fil-fatt fir-*road accident report* stess, li hadd mill-partijiet ma kkontesta, jinghad: *"Front to rear collision Driver of PAM 123* ***was under age*** *been briefed by police station in Sliema"*.

   vi. Il-kaz sehh fi Triq ix-Xatt, Sliema filwaqt li Justin Zahra kien registrat li jabita f'appartament numru 5, Capri Flats, Triq Antonio Sciortino, Msida. Dan hu l-istess indirizz tal-appellanti. Fatti li jaghtu lill-qorti x'tifhem li Justin Zahra telaq mid-dar bil-vettura. Biex saq il-vettura, kellu bzonn ic-cwievet. Ghalhekk ic-cwievet kienu accessibbli ghalih. Biex saq mill-Msida ghal tas-Sliema, hu evidenti li Justin Zahra kien diga' jaf isuq vettura. Kieku ma kienx jaf isuq, probabbilment ma kienx jasal sa tas-Sliema. 'Il fatt wahdu li minuri kien qieghed isuq vettura ta' genitur hi fiha nfisha prova *juris tantum* li l-appellanti ma haditx hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex dak il-minuri ma jsuqx il-vettura. Bhala persuna li ghandha s-setgha ta' genitur fuq binha, kienet ir-responsabbilta taghha li tizgura li c-cwievet tal-vettura ma jispiccawx f'idejn binha. Il-qorti mhijiex tal-fehma li s-socjeta appellata kellha taghti prova li Justin Zahra kien saq il-vettura bil-kunsens tal-appellanti. L-oneru tal-prova kien tal-appellanti. Provi li jikkonvincu li hadet il-prekawzjonijiet mistennija minn omm bis-setgha ta' genitur,

sabiex jigi zgurat li c-cwievet tal-vettura ma jispiccawx f'idejn binha minuri u ma jsuqx il-vettura.

vii. Fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Joseph Aquilina et** tal-14 ta' Frar, 2014, din il-qorti osservat:

*"M'hemmx dubju li kienet ir-responsabilita' tal-appellant li jara li c-cwievet tal-vettura ma jigux f'idejn xi hadd li ma kienx kopert mill-assigurazzjoni fil-kaz li jsuq il-vettura in kwestjoni. Hu ovvju ghalhekk li l-appellant ghandu jigi ritenut li hu indirettament responsabbli ghad-danni kawzati minn bintu kawza l-incident stradali in kwestjoni. Il-konvenut appellant kien obbligat li jara u jissorvelja li l-vettura ma tigix misjuqa minn persuna li ma kienitx koperta bl-assigurazzjoni. Il-fatt per se li effettivament il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura hu indikattiv li l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega f'dan ir-rigward. Kwindi m'hemmx ghalfejn jigi pprovat li kien Joseph Aquilina li kkonsenja c-cavetta tal-vettura lill-konvenuta l-ohra. Fil-kamp civili hu bizzejjed li l-Qorti tkun sodisfatta fuq bazi ta' bilanc ta' probabilajiet fuq il-htija tal-konvenut"*.

viii. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni kienet tal-vettura li saq Justin Zahra, kien li l-vettura tista' tinstaq biss minn *'any driver over 25 years of age'* (ara deposizzjoni ta' David Debono). Kundizzjoni li nkisret ladarba l-vettura nstaqet minn persuna taht l-eta. Kien biss minhabba l-ligi (Kap. 104) li l-kumpannija appellata onorat il-*claim*. Ladarba dik il-kundizzjoni nkissret, fir-relazzjoni *ex contractu* bejn il-partijiet ghall-kuntratt, bhala *policy holder* l-appellanti ghandha twiegeb ghal dak il-ksur. Imbaghad semmai kienet l-appellanti li kellha taghti prova li dik il-kundizzjoni nkissret minhabba cirkostanzi li ma kellhiex kontroll fuqhom, jekk kif issostni fl-eccezzjonijiet *"lanqas ma kienet awtorizzat lill-intimat Justin Zahra isuq l-istess vettura"*, u mhux bil-maqlub. Kienet il-konvenuta li permezz ta' provi kellha tikkonvinci lil min irid jiddeciedi li m'ghandhiex htija.

ix. Sahansitra David Debono xehed, *"Qabel din l-ittra ufficjali ahna konna qed nikkomunikaw mal-intimata li da parti taghha qaltilna illi hija xtaqet thallas izda ma kellhiex minn fejn"*. Verzjoni li mhijiex kontradetta. Ghall-qorti dan jindika li l-appellanti kienet irrikonoxxiet ir-responsabbilta, izda l-qaghda finanzjarja ma kinitx tippermettilha thallas.

14. Minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg hi korretta u l-appell tal-konvenuta ser jigi michud.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 95% a karigu tal-appellanti u 5% a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.